II

(Atti mhux leġiżlattivi)

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2020/754

tat-8 ta' Ġunju 2020

li testendi l-mandat tal-Kap tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 42(4) u 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-22 ta' Lulju 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/486/PESK [1] dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine).

(2) Fit-13 ta' Mejju 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/761 [2] li testendi l-mandat tal-Missjoni sal-31 ta' Mejju 2021.

(3) Fl-4 ta' Ġunju 2019, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/992 [3] li taħtar lis-Sur Antti HARTIKAINEN bħala Kap tal-Missjoni għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2019 sat-30 ta' Ġunju 2020.

(4) Fl-14 ta' Mejju 2020, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà qabel li s-Sur Antti HARTIKAINEN għandu jkompli jwettaq din il-funzjoni sal-31 ta' Mejju 2021,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-mandat tas-Sur Antti HARTIKAINEN bħala Kap tal-EUAM Ukraine huwa b'dan estiż sal-31 ta' Mejju 2021.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2020.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Ġunju 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
A. METELKO-ZGOMBIĆ

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/486/PESK tat- 22 ta' Lulju 2014 dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukraina (EUAM Ukraine)(ĠU L 217, 23.7.2014, p. 42).

([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/761 tat-13 ta' Mejju 2019 li temenda d-Deċiżjoni 2014/486/PESK dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine) (ĠU L 125, 14.5.2019, p. 16).

([3]) Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2019/992 tal-4 ta' Ġunju 2019 dwar il-ħatra tal-Kap tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine) (EUAM Ukraine/1/2019) (ĠU L 160, 18.6.2019, p. 24).